MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Numru. 1274/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**HENRIETTE PACE ta' 20 sena, bint Marcellino Pace u Tessie nee' Ghigo, imwielda tal-Pieta' nhar il-25.10.1989, residenti fil-fond 94, Bellavista, Plot 25, Triq il-Konvojta' Santa Marija, Imqabba, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 493689M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra 'l hawn fuq imsemmija **HENRIETTE PACE** li gie akkuzat talli nhar it-23 ta' Ottubru, 2009, minn gewwa fond numru 202, sitwat fi Triq San Gejtanu, Hamrun:

1. Ikkommettiet serq ta' deheb, ghad-dannu ta' l-istess sidien, u cioe' l-koppja Cremona, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u cioe' li jaccedi €232.94 u li izda ma jeccedix €2,329.37 u bil-persuna u dan bi ksur ta' l-Artikolu 261(c)(d), 267, u 268(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtrat u laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahlet biex tbiegghom jew imexxiehom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-persuna u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fatt l-unika vertenza li ghad hemm x'tigi kkonsidrara hija dik ir-res furtive li ghadha ma gietx irkuprata, satnte li Debono tad-deheb lehaq dewweb id-deheb mhux irkuprat. Fil-fatt gara li l-koppja derubata, il-konjugi Cremona, kienu marru ghand dan Debono ma' l-Ispettur u gharfu parti mid-deheb misruq, stranament pero ma gharfux brazzuletta li sahansitra kienet f'idejhom, skond ix-xhieda ta' l-Ispettur. Ghal xi raguni Cremona m'gharfux il-kumplament tad-deheb lilhom misruq, anke kif ammess mill-istess imputata.

Fil-fatt giet ezebita invoice, DOK RM XV, li Cremona kien ghamel ghand certu Patrick tad-deheb tal-Hamrun wara li skondtu ddistingwa bicciet tad-deheb bhal dawk illi ma kienx gharaf – anke l-brazzuletta u d-domna li pero lahqet iddewbet.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Illi frankament din il-Qorti ssib stramb il-fatt illi Cremona kellu f'idu brazzuletta li ma gharafx u li mbaghad sab ohra

bhalha u taghha hareg stima. Illi dan l-argument ma jistax iregi ghad-domna stante li din lehqet iddewbet.

Ghaldaqstant, din il-Qorti fuq ammissjoni qieghda ssib htija ta' Henriette Pace wara li rat l-Artikoli 261, 267, u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis illi r-reat taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta nghata bhala wiehed alternattiv.

Dwar il-piena, qieset l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, kif ukoll li kwazi r-res furtive kollha giet irkuprata, rat il-fedina penali taghha kienet ghal kollox netta. Qieset illi l-piena idonea hija dik ta' liberazzjoni b'kundizzjoni ghal sena(1) u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rat ukoll l-Artikolu 24 ta' l-istess Kapitolu, u tordna li fi zmien gimgha(1) thallas is-somma tad-domna ghall-ammont ta' €70 (sebghin Ewro).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------